# Ktejjeb ta' Riżorsi (2) għall-Ħames u s-Sitt Sena tal-Primarja

(Riżorsi meħudin mis-sit malti.skola.edu.mt)

# Il-Ħames Sena – It-Taħdit

Iddeskrivi din id-dar. Għid x'għandha differenti. Għid x'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li toqgħod f'dar bħal din. Inti kieku toqgħod f'dar bħal din? Għaliex iva jew għaliex le?







Iddeskrivi dan l-uffiċċju. X'inti tara fih? X'tip ta' persuna taħseb li taħdem fih? Għaliex taħseb hekk?

# Il-Ħames Sena – Il-Qari

**Vaganza fl-Eġittu**

**Aqra s-silta.**

Illum qomt l-ewwel waħda. Ħarist mit-tieqa tal-lukanda u rajt li kien għadu kif beda jbexbex. Fittixt it-tablet fid-dlam biex nedha għax indunajt li ma kontx se nerġa' norqod. Ilqatt xi ħaġa, waqgħet mal-art u qajjimt 'l ommi li kellha nagħsha ħafif. Ommi staqsietni,"Diandra, mela diġa qomt?" Jien weġibtha, "Mhux bilfors ma. Taf kemm jien eċitata li se nibdew l-ewwel mawra tagħna fl-Eġittu llum!" (paragrafu 1)

Ommi tbissmet u qaltli li aħjar jekk nipprova nerġa' norqod għax kien se jkollna ġurnata twila quddiemna dakinhar. Jien ippruvajt nisma' minnha għax kont naf li matul dak il-jum kellna nżuru l-Piramidi ta' Ġiża. Wara li nħsilna u lbisna, inżilna isfel biex nieħdu l-kolazzjon. Jien ħadt biċċtejn towst, ftit ċereali, bajda iebsa, biċċa kejk u tazza te. Wara l-kolazzjon inġbarna quddiem il-lukanda mal-bqija tal-grupp li konna miegħu u wara ftit ġiet il-gwida. (paragrafu 2)

Tlaqna b'kowċ għal xi t-tmienja u nofs ta' filgħodu u matul it-triq il-gwida bdiet tagħti xi informazzjoni dwar il-piramidi. Hi qaltilna li dawn it-tliet piramidi nbnew biex jindifnu l-Fargħuni fihom waqt li l-oħrajn iż-żgħar ta' madwarhom kienu oqbra għal qrabathom. Qaltilna li l-akbar piramida damet iktar minn għoxrin sena biex inbniet minn eluf ta' bennejja. Żiedet tgħid li din il-piramida tant hi kbira li hi ogħla mill-Istatwa tal-Libertà fl-Amerka. (paragrafu 3)

Malli wasalna rajna ħafna turisti jammiraw il-ġmiel tal-Piramidi. Il-gwida qaltilna li stajna nirkbu fuq xi ġemel sakemm jonqos il-kju li kien hemm biex naraw il-piramidi. Jien rkibt fuq ġemel. Tgħidx kemm dħaqt għax il-ħin kollu bdejt noqmos. Nammetti li kien hemm mumenti meta bdejt nibża' li kont ħa naqa'. Xħin qorob nofsinhar kulħadd ried jitrejjaq. Għalhekk kilna biċċa ħobż, ħadna tuffieħa u banana filwaqt li qtajna l-għatx bi ftit ilma. (paragrafu 4)

Fl-aħħar kien wasal il-ħin li nidħlu ġol-Piramidi. Għaddejna minn passaġġ dejjaq u mdallam qabel ma dħalna f'kamra kbira. Stagħġibt xħin rajt li l-kamra kienet vojta. Il-gwida qaltilna li fl-imgħoddi fil-kamra, flimkien mal-ġisem mejjet tal-Fargħun, kien ikun hemm l-affarijiet u t-teżori prezzjużi li n-nies kienu jaħsbu li kellu bżonn fil-ħajja l-oħra. Wara li ħriġna mill-Piramida, morna naraw The Great Sphinx. Din hi statwa enormi ta' bniedem b'ras ta' ljun. Il-gwida qaltilna li dan il-monument inbena biex jgħasses il-piramida tal-Fargħun Khafra. Din il-ġurnata taret daqskemm rajna affarijiet interessanti! Malli

wasalna l-lukanda ħassejtni għajjiena mejta imma kuntenta li żort dawn l-oqbra maestużi. (paragrafu 5)

**Taħriġ A. Immarka Veru jew Falz.**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1 | Diandra ħadet kikkra kafè fil-kolazzjon. | | |
| 2 | Il-grupp telaq qabel it-tmienja ta' filgħodu biex iżur il-Piramidi. | | |
| 3 | Sakemm daħlu jaraw il-piramidi, Diandra rikbet fuq ġemel. | | |
| 4 | F'nofsinhar Diandra ħadet mandolina. | | |
| 5. | Ma kien ikun hemm xejn fil-kamra mal-ġisem mejjet tal-Fargħun. | | |
| 6. | Wara li ħarġu mill-Piramidi raw statwa kbira ta' bniedem b'ras ta' ljun. | | |

**Taħriġ B. Wieġeb il-mistoqsijiet.**

7 Għalfejn Diandra rikbet fuq ġemel? (paragrafu 4)

______________________________________________

______________________________________________

8 Għalfejn inbniet l-istatwa ta' The Great Sphinx ? (paragrafu 5)

______________________________________________

______________________________________________

# Il-Ħames Sena – Il-Grammatika

A. Ikteb il-Plurali ta' dawn in-nomi.

1. omm ________________
2. knisja ________________
3. ġlekk ________________
4. vapur ________________
5. belt ________________
6. mara ________________
7. tifla ________________
8. tifel ________________
9. raġel ________________

B. Ikteb il-ġens mitlub fil-parentesi fuq il-linja.

1. Is-_____________ beda jidden filgħodu kmieni. (maskil ta' tiġieġa)
2. ____________ żżewġet is-sena l-oħra. (femminil ta' ħija)
3. Il-____________ tiegħi dejjem tpaċpaċ man-nies. (femminil ta' ġar)
4. Is-____________ tgħix f'kunvent tal-klawsura. (maskil ta' patri)
5. Il-____________ beda jinħaq. (maskil ta' ħmara)

Il-Ħames Sena – Il-Kitba

# Intervista lil raġel tal-għerien



**Immaġina li vvintaw il-kaxxa taż-żmien, u inti dħalt fiha u mort lura fi żmien meta n-nies kienu jgħixu ġol-għerien.**

**Staqsi xi mistoqsijiet lill-mexxej tagħhom biex tara kif jgħaddu l-ġurnata.**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

# Is-Sitt Sena – It-Taħdit

Iddeskrivi dan ir-ritratt.  X'inhu jiġri?  Għaliex?





Iddeskrivi dan il-mutur.

# <u>Is-Sitt Sena – Is-Smigħ</u>

***Hawn se nħaddmu l-ħila tas-smigħ. Għalhekk din is-silta trid tinqara minn adult filwaqt li l-istudent jara l-karta tal-mistoqsijiet biss. Agħti ċans biex l-istudent jara l-mistoqsijiet. Wara ftit aqra s-silta waqt li l-istudent jista' jibda jwieġeb il-mistoqsijiet. Agħti ċans biex l-istudent ikompli jwieġeb il-mistoqsijiet qabel ma terġa' taqra s-silta għat-tieni darba. Hawn l-istudent irid jiċċekkja r-risposti tiegħu filwaqt li jkompli xi mistoqsijiet li jkun għadu ma weġibx.***

<u>**Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann**</u>

Il-Kavallieri ta' San Ġwann iddeċidew li jibnu l-Belt Valletta fuq l-għolja Xebb ir-Ras wara l-Assedju l-Kbir tal-1565. Kien hawn li nħasset il-ħtieġa li tinbena knisja li riedet isservi bħala post fejn il-kavallieri jiltaqgħu u jitolbu flimkien. Ġlormu Cassar kien il-perit ta' dak li llum nafuh bħala l-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Battista, il-qaddis protettur tal-ordni. Kien il-Granmastru La Cassiere li ħallas minn butu bosta mill-ispejjeż għall-bini ta' din il-knisja. Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann dam ħames snin biex inbena u l-istil tiegħu hu Barokk.

Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann hu maqsum fi tmien kappelli għax kull artal hu ddedikat lill-qaddis patrun ta' kull pajjiż jew belt li minnhom kienu ġejjin il-Kavallieri tal-Ordni. Fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann wieħed ma jistax ma jinnotax il-pitturi tas-saqaf li huma xogħol il-pittur Mattia Preti. Dawn juru partijiet mill-ħajja ta' San Ġwann il-Battista, li lilu hu ddedikat dan il-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Żgur li mhux forsi dan il-Kon-Katidral ta' San Ġwann hu magħruf għall-pittura tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann, flimkien mal-pittura ta' San Ġlormu, impinġija mill-artist famuż Caravaggio. Hawn ta' min iżid li l-pittura tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann hi magħrufa għax hi l-unika biċċa xogħol iffirmata minn Caravaggio! Meta wieħed imur f'dan il-Kon-Katidral ta' San Ġwann jintalab biex juża żarbun li ma jgħarraqx l-art. Dan għaliex l-art hija miksija b'lapidi li jservu ta' tifkira tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. U xi ngħidu għall-kripta! Fil-kripta nsibu diversi kavallieri midfunin fosthom il-Gran Mastru Jean de la Valette, li kien il-moħħ wara l-bini tal-Belt Valletta.

Billi l-Kon-Katidral ta' San Ġwann inbena mill-Kavallieri, kien meqjus bħala propjetà tal-gvern Malti. Għaldaqstant l-Ingliżi riedu jagħmluh Katidral Protestant. Il-Knisja Maltija u Ruma tħabtu biex dan ma jiġrix. Fl-1882 San Ġwann sar Kon-Katidral ta' San Ġwann. Il-Katidral (knisja prinċipali tad-djoċesi Maltija) baqa' dak tal-Imdina. Illum il-Kon-Katidral ta' San Ġwann hu wkoll post

fejn isiru avvenimenti kulturali u hu wieħed mill-attrazzjonijiet turistiċi l-aktar popolari.

**Taħriġ A.**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-Belt Valletta hi mibnija fuq l-għolja Xebb ir-Ras. | | |
| 2 | Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann inbena qabel l-Assedju l-Kbir. | | |
| 3 | Ġlormu Battista kien il-perit tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. | | |
| 4 | Ġlormu Cassar ħallas l-ispejjeż kollha għall-bini tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. | | |
| 5 | Hemm tmien kappelli fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. | | |
| 6 | Mas-saqaf insibu pitturi li saru minn Mattia Preti. | | |
| 7 | Caravaggio pitter il-pittura tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġlormu. | | |

**Taħriġ B.**

**Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.**

1. Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann inbena għax il-Kavallieri kellhom _______________ post fejn jitolbu.
2. Il-pittura tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann hi _______________ għax hi ffirmata minn Caravaggio.
3. Il-Gran Mastru La Valette hu _______________ fil-kripta.
4. Il-Knisja Maltija u _______________ tħabtu biex il-Kon-Katidral ta' San Ġwann ma jsirx Katidral Protestant.

# Is-Sitt Sena – Il-Grammatika

## A: Imla l-vojt bil-komparattiv u s-superlattiv.

| Aġġettiv | Komparattiv | Superlattiv |
| --- | --- | --- |
| irħis | ________________ | ________________ |
| qasir | ________________ | ________________ |
| aħrax | ________________ | ________________ |
| fin | ________________ | ________________ |
| twil | ________________ | ________________ |
| intelliġenti | ________________ | ________________ |
| tqil | ________________ | ________________ |

## B: Imla l-vojt bil-kelma adattata.

Eż: Minflok ngħidu iswed ħafna nistgħu ngħidu iswed faħma.

1. Minflok ngħidu mgħawweġ ħafna ngħidu mgħawweġ ________________.
2. Minflok ngħidu isfar ħafna ngħidu isfar ________________.
3. Minflok ngħidu tqil ħafna ngħidu tqil ________________.
4. Minflok ngħidu xiħ ħafna ngħidu xiħ ________________.
5. Minflok ngħidu nadif ħafna ngħidu nadif ________________.
6. Minflok ngħidu abjad ħafna ngħidu abjad ________________.

# Is-Sitt Sena – Il-Kitba

Ikteb artiklu għall-fuljett tal-parroċċa fejn tispjega l-importanza li tipprattika xi sport.  Ikteb bejn 140 sa 200 kelma.



Titlu: ____________________________

Sottotitlu: ____________________________

Miktub minn: __________________________

**Risposti**

**Il-Ħames Sena**

pġ. 4 Eż. A 1)Falz 2) Falz 3)Veru 4)Falz 5)Falz 6) Veru
7) Biex tgħaddi l-ħin sakemm jonqos il-kju li kien hemm biex jaraw il-Piramidi.
8) Biex jgħasses il-piramida tal-Fargħun Khafra.

Pġ. 5 Eż. A
1) ommijiet 2) knejjes 3) ġlekkijiet 4) vapuri 5) bliet 6) nisa 7) bniet 8) subien 9) rġiel

Eż. B
1) serduq/k 2) Oħti 3) ġara 4) soru 5) ħmar

**Is-Sitt Sena**

pġ. 9 Eż. A 1) Veru 2) Falz 3) Falz 4) Falz 5) Veru 6) Veru 7) Falz

Eż. B
1) bżonn 2) magħrufa/prezzjuża 3) midfun 4) Ruma

pġ. 10 Eż. A 1) irħas/orħos, l-irħas/l-orħos 2) iqsar, l-iqsar 3) eħrex, l-eħrex 4) ifjen, l-ifjen 5) itwal, l-itwal 6) aktar/iktar/iżjed intelliġenti, l-aktar/l-iktar/l-iżjed intelliġenti 7) itqal, l-itqal

Eż. B
1) ganċ 2) mewt 3) ċomb 4) għakka 5) tazza 6) karti